# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KRIMINALI

**11 ta' Jannar, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Francis Manicolo

**Sentenza — Nuqqas ta' Eżekuzzjoni — Reat Kontinwat — Terminu — Proroga — Żball fl-Isem fis-Sentenza — Att tat-Twelid — Fidi Parrokkjali.**

*Ir-reat ta' min jonqos li jottempera ruħu mal-liġi in eżekuzzjoni ta' sentenza ġa mogħtija kontra tiegħu, taħt penali għal kull ġurnata ta' ritard, huwa reat kontinwat; u sakemm hemm in-nuqqas hemm ukoll ir-reat, u hemm lok għall-imputazzjoni ta' dan ir-reat.*

*Il-konċessjoni ta' proroga mill-Qorti hija fakoltà diskrezzjonali tal-istess Qorti, li mhix sindakabbli ħlief bir-rimedju ta' rikors ieħor biex id-digriet preċedenti jiġi revokat "contrario imperio", jekk dan ir-rikors isir, u jekk, fil-każ li jsir, il-Qorti timmodifika l-provvediment tagħha; jekk dan ma jkunx sar, fl-appell ma jistgħax isir l-ilment illi, ladarba l-Qorti tal-Ewwel Grad akkoljiet l-ewwel domanda għall-proroga, imissha akkoljiet anki t-tieni, peress illi fiż-żewġ każi l-kawża tad-domanda għall-proporga kienet l-istess.*

*Jekk l-imputat ikun ġie mħarrek għax ma ottemperax ruħu ma' sentenza preċedentement mogħtija kontra tiegħu, ma jistgħax jippretendi li dik is-sentenza ma tirrigwardax lilu għax fiha kunjomu huwa ndikat differentement minn dak li fil-fatt hu jippretendi li hu, jekk huwa jammetti li hu sid il-post li għalieh tirriferixxi dik is-sentenza, u jammetti wkoll li dik is-sentenza tirrigwarda lilu.*

*Aktar u aktar dan hu minnu jekk fl-att tat-twelid tiegħu, kif ukoll fil-fidi batteżimali tiegħu, kunjomu jidher kif inhu fis-sentenza li hemm kontra tiegħu. Dawn iż-żewġ atti*

*huma prova ta' kunjomu, għaliex ir-reġistri parrokkjali huma wkoll prova; u sakemm hu ma jeżerċitax b'suċċess azzjoni għall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tiegħu, kunjomu għandu jitqies li hu dak li hemm f'dawk l-atti u f's-sentenza, u mhux dak li hu fit-tieni kawża jippretendi li hu; u kull kontestazzjoni tiegħu dwar daqshekk f'dik it-tieni kawża hija inattendibbli.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli f'Marsaxlokk, f'dawn l-aħħar erbgħa xhur, naqas li jagħmel ix-xogħol relattiv għall-fond Zejtun Road, bla numru, bi kmamar bil-ħitan esposti għax-xita mhux tal-ħxuna li titlob il-liġi, skond kif ġie ordnat b'sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Mejju 1954, taħt penali ta' 2s.6d. kull jum f'każ ta' nuqqas; u dan in-nuqqas dam għall-perijodu mill-11 ta' Ġunju sal-24 ta' Settembru 1957, u għalhekk il-Prosekuzzjoni talbet il-kundanna għall-ħlas ta' £13.5.0. bħala penali, salva l-penali għan-nuqqas ulterjuri;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Novembru 1957, li biha sabet lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni u kkundannatu £13.5.0. penali-ammenda għar-ritard sal-24 ta' Settembru 1957; salvi kwalunkwe penali futuri; u tagħtu żmien xahar għall-ħlas;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dwar l-ewwel gravam tal-imputat, fis-sens li n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza ma jikkostitwix reat, u li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati, bil-konsegwenza li d-dikjarazzjoni ta' reità tiġi imniżżla fil-fedina penali tiegħu, għandu jingħad li dan il-gravam hu nfondat: għaliex, għas-sens tal-ġurisprudenza kostanti, reat simili hu kontinwat; u għalhekk, sakemm hemm in-nuqqas, hemm ukoll reat, u hemm lok kwindi għall-imputazzjoni tiegħu;

Dwar it-tieni gravam, elevat fuq il-motiv li t-tieni domanda ta' proroga kien imissha ġiet milqugħa bħal ma ġiet milqugħa l-ewwel waħda, li fiha l-kawża tad-domanda kienet l-istess, anki dan hu bla bażi; għaliex il-konċessjoni tal-proroga hi fakoltà diskrezzjonali, mhux sindakabbli ħlief bir-rimedju ta' rikors ieħor għar-revoka "contrario imperio", jekk dan ir-rikors isir, u jekk, fil-każ li jsir, il-Qorti timmodifika l-provvediment tagħha — dak li fil-każ in ispeċje ma ġarax;

Dwar it-tielet gravam, u r-raba' wieħed, li huma mpernjati, kif jidher mir-rikors, fuq l-istess ċirkustanza, jingħad li l-appellant jippretendi li l-ewwel sentenza fuq imsemmija, tal-1954, ma tirrigwardahx; għax kunjomu mhuwiex "Manicolo", iżda "Manicaro". Dan il-gravam hu insostenibbli; għaliex l-imputat, kif deher mill-provi (ara xhieda tiegħu stess), jammetti li hu sid il-post, u jammetti wkoll li dik l-ewwel sentenza tirrigwarda lilu. Hu ammetta wkoll (verbal fol. 20) li l-att tat-twelid fol. 6 jirrigwarda lilu u f'dak l-att kunjomu hu appuntu "Manicolo". Anki fil-fidi batteżimali, mill-imputat eżibita bir-rikors tiegħu tas-27 ta' Diċembru 1957, kunjomu hu "Manicolo". Din hi prova dupliċi ta' kunjomu; għaliex anki r-reġistri parrokkjali huma prova (ara notament ta' Sir Adrian Dingli għall-art. 290 Ord. I tal-1873, fejn qal, meta ntroduċa fl-1862 l-attijiet tal-istat ċivili:— "Non si toglie ai registri parrocchiali la fede che hanno avuto finora. I registri proposti sono una aggiunta, non una sostituzione"). Għalhekk, sakemm hemm din il-prova, u sakemm l-appellant ma jeżerċitax b'suċċess, "si et quatenus", azzjoni għall-korrezzjoni tal-att tiegħu tat-twelid, kunjomu għandu jitqies li hu "Manicolo"; u kull kontestazzjoni tiegħu dwar daqshekk għandha titqies inattendibbli;

Iż-żewġ każijiet ta' differenza fil-kunjom li ġew quddiem din il-Qorti, ċjoè "Pulizija vs. Raymond Cassar", 29.XI.1956, u "Pulizija vs. Blanco", 4.5.1957, kienu "toto caelo" diversi mill-każ preżenti. Difatti;

1. Fil-każ preżenti kien hemm is-sentenza mogħtija fil-kawża l-oħra maqtugħa fl-1954 (fol. 3), li fiha l-kunjom tal-appellant odjern kien appuntu ndikat bħala "Manicolo".

Kontra dik is-sentenza hu ma eleva ebda gravam dwar il-kunjom u akkweta ruħu. Kien issa, f'din il-kawża pedissekwa, li hu eleva din l-obbjezzjoni. Fil-kawżi ċitati superjorment ma kienx hemm ħlief kawża waħda, ċjoè dik li appuntu sar fiha l-appell dwar il-kunjom;

2. Fil-kawża preżenti, il-pretensjoni tal-appellant tikkozza mal-att tat-twelid u mal-fidi batteżimali. Fil-kawżi ċitati, il-pretensjoni tal-imputati, inveċe, kienet taqbel mal-att tat-twelid;

Għalhekk, dawk iż-żewġ kawżi ma jistgħux jiġġjovaw lill-imputat odjern;

Kwantu għall-meritu, l-imputat ammetta li hu għadu ma rdublax il-ħitan tal-fond "de quo", għax qiegħed jistenna li jibni sid il-fond ta ma' ġenbu;

Għalhekk;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iż-żmien ta' xahar għall-ħlas, mogħti mill-Ewwel Qorti, jibda jgħaddi mil-lum.